MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 247/2003

**Gutenberg Press Limited [C-8936]**

**vs**

**Grima Printing & Publishing Ltd [C-4298]**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf, hames mija u tnejn u sebghin lira Maltin (Lm1,572), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' xoghol u servizzi ta' stampar li kien gie rez lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici fuq struzzjonijiet taghhom u dan kif jirrizulta minn prospett anness u mmarkat bhala DOK A. Nonostante illi gew interpellati sabiex ihallsu dan il-bilanc, inkluz permezz ta' ittra legali datata 17 ta' Marzu 2003, (DOK B), is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta, inkluz dawk ta' l-ittra legali datata 17 ta' Marzu, 2003, u bl-imghax mis-27 ta' Novembru, 2002, cioe' d-data ta' l-ahhar pagament akkont effettwat mis-socjeta' konvenuta, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li biha rriduciet it-talba hekk kif kontenuta fl-avviz stante pagament akkont ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) li sar fit-13 ta' Gunju, 2003.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fis-16 ta' Gunju, 2003, meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici kif ridotta bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------